ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

## Minuti tal-33 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

Il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tlieta, 6 ta' Novembru, 2012. Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Mario Bartolo u s-Sur Joe Agius.

Ic-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista u s-Sur Luciano Farrugia kienu skuzati.

Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tat-32 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Bartolo talab sabiex il-Kumitat Amministrattiv jikteb lill-Transport Malta dwar jekk is-sejħa tal-offerti biex isir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Dun Salv Sciberras ġietx aġġudikata u meta kien ser jibda x-xogħol. Is-Sur Bartolo talab ukoll li qabel ma jsir ix-xogħol ta' *resurfacing* issir laqgħa mal-Perit responsabbli mix-xogħol kif ukoll mal-kuntratur.

Item 4 – Korrisponenza

Ma kienx hemm korrispondenza.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li kienet ġiet sottomessa offerta waħda għal xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Marzebb (ZLC 5/2012). L-offerta mitfugħa kienet mingħand il-Kumpanija *Asfaltar Construction Limited* għall-prezz ta' €92,976.60.

Is-Sur Clews qal li peress li prezentament il-fondi disponibbli li għandu l-Kumitat għal dan il-proġett kien jammonta għall-€-37,300 u ser jibbenifika l-ammont ta' €20,000 minn skema ta' finanzjament għall-proġetti u inizjattivi, qed jipproponi li l-Kumitat Amministrattiv jitlob l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill Lokali.

Is-Sur Clews qal li l-Kumitat Amministrattiv qed jagħmel din it-talba peress li oriġinarjament l-istima li ingħatat mill-Perit tal-Kunsill sabiex isir ix-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq Marzebb kienet tammonta għall-€43,481.85.

Is-Sur Bartolo ssekonda l-proposta tas-Sur Clews u l-Kumitat qabel unanimament li jitlob għajnuna finanzjarja tal-Kunsill Lokali sabiex din it-triq tkun tista ssir taħt din l-iskema.

Is-Sur Clews talab sabiex il-Kumitat Amministrattiv jinforma lid-Dipartiment għal-Gvern Lokali li jekk ma kienx ser ikollu għajnuna finanzjarja mil-Kunsill jew mid-Dipartiment ix-xogħol ta' *resurfacing* ta' din it-triq ma setgħax issir hekk kif ġie propost taħt l-iskema.

Is-Sur Bartolo talab sabiex il-Kumitat jorganizza attivita' b'rizq Puttinu Cares fix-xhur li ġejjien.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-34 laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 4 ta' Diċembru 2012.

Norman Clews
Viċi Chairperson